tal-Kummissjoni għall-ħlas, minn naħa, tas-somom allegatament dovuti lill-appellanti u, min-naħa l-oħra, tad-danni wara r-rexissjoni tal-kuntratt dwar sostenn finanzjarju Komunitarju allokat lill-proġett "e-Content Exposure and Business Opportunities" ("EEBO") (Kuntratt Nru EDC-53007 EEBO/27873), konkluż fil-kuntest tal-Programm Komunitarju multiannwali intiż sabiex jistimola l-iżvilupp u l-użu tal-kontenut diġitali Ewropew fuq in-netwerks mondjali u sabiex jippromwovi d-diversità lingwistika fis-soċjetà tal-informazzjoni (Programm "eContent").

Dispożittiv

1) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tad-9 ta' Frar 2010, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni (T-340/07) hija annullata sa fejn, permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali naqset milli tagħti deċiżjoni dwar it-talbiet ta' Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE intizi, minkejja x-xoljiment tal-kuntratt EDC 53007 EEBO/27873, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' EUR 172 588,62, li tikkorrispondi għall-ispejjeż li għadhom ma ġewx irrimborsati mill-Kummissjoni u li ġew sostnuti minnha fil-kuntest tal-imsemmi kuntratt.

2) Il-kawża hija rrinvjata quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-imsemmija talbiet ta' Evropaïki Dynamiki — Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-5 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni vs il-Belġju

(Kawża C-265/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Regolament (KE) Nru 1907/2006 — Sustanzi kimiċi — Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni ta' dawn is-sustanzi u

restrizzjonijiet applikabbli għalihom — Regolament REACH — Artikolu 126 — Sistema ta' sanzjonijiet fil-każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet tar-Regolament REACH — Assenza ta' implementazzjoni fit-terminu previst"

1. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 27)*

2. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Reġistrazzjoni, valutazzjoni u awtorizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi — Regolament REACH — Implementazzjoni mill-Istati Membri — Sanzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tar-regolament — Obbligu, għal Stat Membru Federali, li jikkonkludi ftehim ta' kooperazzjoni mar-reġjuni għall-implementazzjoni tar-regolament — Assenza (Regolament tal-Parlament u tal-Kunsill Nru 1907/2006, Artikolu 126) (ara l-punt 37)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikolu 126 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1) - Sanzjonijiet li japplikaw fil-każ ta' ksur tar-Regolament REACH.

Dispożittiv

1) Billi ma adottax il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji għall-implementazzjoni tas-sanzjonijiet li japplikaw għall-ksur

tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament Kunsill (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 126 tal-imsemmi regolament.

2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-10 ta' Mejju 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Isvezja

(Kawża C-479/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ambjent — Direttiva 1999/30/KE — Kontroll tat-tniġġis — Valuri ta' limitu għall-konċentrazzjonijiet ta' PM10 fl-arja ambjentali"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 1999/30, Artikolu 5(1))